MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 290/2000

**Il-Pulizija**
**(Spett. Frans Micallef)**

**Vs**

**Victor Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra:

l-imputat Victor Vella ta' 42 sena bin Emmanuel u Josephine nee Gauci Borda imwieled Pieta' u joqghod 29 Marmora Street, The Village, San Giljan -- karta ta' identita 618457 (M).

Akkuzat talli:

F’tas-Sliema fid- 9 ta’ Mejju 1999 ghal habta tal- 5:15 pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe’ ghamel hsara fuq vettura numru LAC-916 tal-marka Mini Minor, liema hsara hija aktar minn LM 50 izda anqas minn LM 500.

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Miriam Vella jew sabiex jinzamm l-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Victor Vella b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (folio 8) sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta’ hsara volontarja kkagunata kontra proprjeta’ (vettura Mini Minor) proprjeta’ ta’ martu li minnha hu separat u ilu hekk separat ghal diversi snin.

L-imputat, anke quddiem din il-Qorti, ma nnegax li huwa kkaguna l-hsara; semmai ic-cahda hi fis-sens li ma mienitx f’dik l-entita’ allegata ta’ LM 150. Tabilhaqq, il-gustifikazzjoni tieghu hi li kien provokat minhabba t-trattament hazin ta’ martu lejn l-ulied komuni, partikolarment it-tifla li taghha l-imputat ghandu l-kustodja.

Issa l-akkuza hi dik li hi, jigifieri hsara fuq proprjeta’ ta’ martu konsistenti fil-vettura tal-marka Mini Minor li fil-frattemp giet skrappjata. Jirrisulta mill-provi li l-vettura kienet wahda li kellha certu zmien fuqha u hu eskluz li l-fatt li giet skrappjata kellu x’jaqsam mal-allegata hsara.

Dak li pero’ huwa sinifikanti hu li l-hsara, li din il-Qorti tikkonsidra li anke jekk saret kienet ta’ entita’ minima, saret mir-ragel fuq proprjeta ta’ martu, u ghalhekk eskluza minn kull azzjoni kriminali ai termini tal-Artikolu 331 u 332 tal-Kap 9.

Sabiex titmexxa l-azzjoni hemm bzonn il-kwerela tal-parti li fil-kaz in ezami hi nieqsa u ma saret ebda prova taghha. In propositu ghal dan jirrisulta biss li kien sar rapprot mill-kwerelanta. L-ebda kitba ma giet sottomessa u fil-kaz in ezami din il-qorti ma tirriskontrax l-interess tal-ordni pubbliku jew is-socjeta’ in generali.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara l-azzjoni mhux prosegwibbli u kwindi tillibera lill-imptat minn kull htija u piena. Ukoll, stante li jirrisulta li kien incident uniku u isolat tastjeni li tapplika kull provvediment mahsub taht l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------